# L-insib illegali jkompli fin-nuqqas ta' Wildlife Crime Unit

## Nassab jhedded grupp ta' żgħażagħ li kien qed jieħu sehem f'mixja f'Għawdex

Minkejja li l-insib f'dan iż-żmien tas-sena hu illegali, fl-aħħar jiem BirdLife Malta u membri tal-pubbliku osservaw diversi mnasab illegali attivi madwar il-Gżejjer Maltin. B'mod partikolari fi tmiem il-ġimgħa, diversi membri tal-pubbliku li kienu qed igawdu l-kampanja rrappurtaw li raw siti bħal dawn li kollha ġew rappurtati lill-pulizija.

Inċident partikolari kien jinvolvi lill-grupp taż-żgħażagħ ta' BirdLife Malta, Falko, nhar il-Ħadd 19 ta' Marzu. Il-grupp, li l-membri tiegħu kienu waqt mixja f'Għawdex, kien iffaċċjat minn nassab li għatta wiċċu u hedded li jgara ġebla lejhom wara li dawn innutaw mansab illegali tal-għasafar tal-għana fuq l-irdumijiet f'Ta' Sanap – sit Natura 2000 fil-Munxar. L-inċident kien iffilmjat u l-filmati ntbagħtu lill-pulizija.

Il-Ħadd, li kien ukoll jum ta' btala pubblika f'Malta, kienet ġurnata tajba għall-passa tal-Ġojjini – wieħed mis-seba' speċi ta' għasafar tal-għana li normalment jispiċċaw fil-mira tan-nassaba f'dan il-perjodu meta tilħaq il-qofol tagħha l-passa ta' dawn l-għasafar. Għalkemm l-istaġun tal-insib huwa magħluq u fir-rebbiegħa mhux permess insib, ħafna mnasab tul il-kosta xorta jinsabu attivi f'dan il-perjodu.

Skont stqarrija maħruġa lbieraħ mill-Kumitat Kontra l-Qtil tal-Għasafar (CABS), il-kosta ta' Malta bħalissa hi mimlija b'mijiet ta' xbieki illegali għall-qbid tal-għasafar tal-għana. Fi stħarriġ mill-ajru li sar il-ġimgħa l-oħra mill-istess għaqda f'nofstanhar wieħed ġew osservati rekord ta' 133 mansab attiv, bl-akbar ammont ikun f'Għawdex. Il-CABS qalet li dan hu d-doppju tas-sena li għaddiet u ħabbret ukoll li tressaq ilment formali kontra Malta mal-Kummissjoni Ewropea dwar "tolleranza *de facto* ta' nsib illegali tal-għasafar tul ir-rebbiegħa".

BirdLife Malta tinsisti li din is-sitwazzjoni hi konsegwenza ta' nuqqas serju ta' infurzar b'mod speċjali f'Għawdex fejn sal-lum it-taqsima tal-Administrative Law Enforcement (ALE) tal-pulizija għadha mhix preżenti.

Il-Ħadd ukoll, lil BirdLife Malta daħlulha rapporti ta' nsib illegali f'Ħal Għargħur, Bengħajsa, il-Qrendi, l-inħawi tal-Munxar fil-Bajja ta' San Tumas u l-Imtaħleb, imma b'rispons għal dawn l-illegalitajiet kollha ntbagħtet biss karozza waħda tal-pulizija tal-Administrative Law Enforcement (ALE).

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna

Membri tal-pubbliku li ċemplu fuq in-numru ta' emerġenza tagħna wkoll ilmentaw li qed jiffaċċjaw nassaba li b'mod aggressiv jitolbuhom joħorġu minn zoni li huma pubbliċi, bħalma ġara f'Ta' Sanap f'Għawdex.

Huwa ċar li l-ftuħ ta' staġun tal-insib fil-ħarifa – li dwaru Malta ttieħdet il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja – wassal għal żieda fl-ammont ta' nsib illegali fir-rebbiegħa. Minħabba d-deroga tal-insib fil-ħarifa, hemm domanda għal għasafar tal-għana li jintużaw biex jattiraw għasafar oħra tant li n-nassaba huma lesti jirriskjaw li jiksru l-liġi biex jaqbdu aktar għasafar fir-rebbiegħa.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-awtoritajiet mhumiex f'pożizzjoni li jinfurzaw il-liġi b'sitwazzjoni redikola ta' nuqqas kbir ta' riżorsi u karozza tal-pulizija waħda biss biex tintuża għal Malta u Għawdex kollha għal dan il-għan. Dan iġegħilna nistaqsu jekk il-Gvern għandux ir-rieda li jinforza l-liġi kif wiegħed jew fir-realtà hux qed jagħlaq għajnejh fejn jidħol l-insib illegali tul l-istaġun magħluq.

BirdLife Malta ttenni l-ħtieġa li titwaqqaf Wildlife Crime Unit li fl-eqqel tal-perjodu tal-passa tkun tista' tirrispondi mill-ewwel u kif meħtieġ għall-kaċċa u l-insib illegali irrispettivament minn dmirijiet oħra li jista' jkollu l-Korp tal-Pulizija.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
L-istqarrija tal-CABS li nħarġet ilbieraħ:
http://www.timesofmalta.com/articles/view/20170320/local/watch-bird-trapping-frenzy-on-maltese-coastline-activists-say.642999

Filmati tal-CABS maħruġin ilbieraħ:
https://youtu.be/wozhzDRyNsE

**Ritratti mehumużin:**

- Ritratti tan-nassab li hedded lill-parteċipanti ta' mixja f'Għawdex meħudin mill-filmati miġbudin minn BirdLife Malta. Il-każ ġie rappurtat lill-pulizija

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/QIGNdCitqV**

- Nassab jhedded grupp ta' żgħażagħ waqt attività organizzata mill-grupp Falko ta' BirdLife Malta nhar il-Ħadd (Filmati ta' Iryna Lukashuk, muntaġġ ta' Nathaniel Attard)